# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU 2205

**Kaz Numru 3056/CC** **Fil-kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Alexandra Fenech (I.D.No.621259 M)**

**u**

**Segretarjat ghall-Edukazzjoni Nisranija**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 20 ta' Frar, 2013**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Alexandra Fenech fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-22 ta' Awwissu 2012 fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha minn mas-Socjeta ntimata kienet wahda ngusta ghaliex ir-ragunijiet mghotija huma nveritieri. Is-Socjeta ntimata minn naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti saret fil-perjodu ta' sena *probation* u ghalhekk tali mpieg seta' jigi mitmum minghajr ma' tinghata raguni.

Fuq talba tas-Socjeta' ntimata, t-Tribunal ntalab jittratta eccezzjoni preliminari mqajjma u cjoe jekk it-terminazzjoni tal-impieg saritx fil-perjodu tal-*probation.*

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tlett (3) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ma' kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Alexandra Fenech li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kienet assistita mill-Avukat Raphael Fenech Adami.

Is-Segretarjat ghall-Edukazzjoni Nisranija li minn issa l-quddiem ser jissejjah is-Socjeta' ntimata kien irraprezentat minn Fr. Charles Mallia assistit mill-Avukat Dominic A. Cassar .

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Fis-27 ta' Settembru 2010 l-Appellanti kienet inghatat *appointment letter* iffirmata minn Fr. Dominic Scerri fejn kienet tindika li hija nghatat il-kariga ta' INCO (*Inclusive Education Co-ordinator*) minn zmien ghal zmien, fejn kellha tibda taqdi tali dmirijiet fuq bazi *full-time* mit-22 ta' Settembru 2011.

Fis-snin precedenti l-Appellanti flimkien ma' persuni ohra gieli kienet tigi ntrigata sabiex taghmel xoghol klerikali konness mall-process tal-polza tat-tfal sabiex jidhlu fl-iskejjel tal-Knisja.

Fid-29 ta' Mejju 2012, l-Appellanti rceviet ittra minghand Fr. Charles Mallia, li kienet taghmel referenza ghal-laqgha li kienet saret bejniethom nhar il-25 ta' Mejju 2012, fejn kienet giet mgharrfa li x-xoghol taghha fir-rwol ta' INCO ma' kienx wiehed sodisfacenti. L-istess ittra gharrfet lill-Appellanti li l-impieg taghha kien qed jigi mitmum b'effett mill-15 ta' Gunju 2012.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Fr. Charles Mallia** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' Delegat ta' Mons. Arcisqof ghall-Edukazzjoni Nisranija. Ix-xhud qal li meta tkellem ma' Fr. Dominic Scerri li kien jokkupa l-kariga qablu, kien qallu li l-Appellanti kienet giet imweghda li ser tigi mpjegata bhala INCO. Qallu ukoll li fis-snin ta' qabel l-Appellanti flimkien ma' persuni ohra kienet tkun imsejjha sabiex tghin fil-process konness mat-tlugh tal-polza ta' tfal sabiex jidhlu fli skejjel tal-Knisja u ta' dan kienu jircievu xi renumerazzjoni zghira. Meta mistoqsi jekk dan l-intrigu kellux x'jaqsam max-xoghol ta' INCO, x-xhud wiegeb li dawn kienu jkunu *assignments* 'ad hoc' ta' ftit granet fis-sena u x-xoghol

kien ta' natura klerikali. Ix-xhud kompla li peress li dawn kienu jkunu affarijiet minimi ma' kienux jinzammu *records* taghhom.

**Alexandra Fenech,** l-Appellanti xehdet illi fl-2010 u anke fis-snin ta' qabel, minn zmien ghall-zmien kienet taghmel xoghol konness ma' l-applikazzjonijiet u mall-poloz tat-tfal, fejn parti minn dan ix-xoghol u cjoe dak konness ma' l-applikazzjonijiet kienet baqghet taghmlu fl-2011 meta kienet fil-kariga ta' INCO. Xehdet li x-xoghol konness ma' l-applikazzjonijiet kien jiehu gimgha u tal-poloz propja kien jiehu tlett ijiem. Xehdet li dan kien isir darba fis-sena. Ix-xhud qalet li ta' dan ix-xoghol hija kienet tithallas u li tali hlas sa fejn taf hi kienet tiddikjarah bhala dhul ghal finijiet ta *Income Tax.*
Ix-xhud qalet li INCO tfisser *Inclusive Education Co-ordinator* fejn id-doveri jikkonsistu f'li jinstabu professjonisti u jigu kkordinati tali servizzi sabiex studenti bi bzonnijiet specjali jkunu assistiti waqt li jkunu jattendu fl-iskola.
Ix-xhud kompliet tghid illi sa l-20 ta' Settembru 2011 hija kienet irregistrata li qed tahdem bhala LSA ma' St. Monica School and Convent. Hija spjegat li sabiex kienet taghmel ix-xoghol konness ma' l-applikazzjonijiet u l-poloz hija kienet tinghata permess. Qalet illi fl-2011 ghamlet xoghol konness ma' l-applikazzjonijiet izda mhux mall-poloz.
Mistoqsija mit-Tribunal jekk l-Appellanti, apparti r-*returns* tat-taxxa li kellha tipproduci kopja taghhom, ghandix xi dokumentazzjoni ohra fejn jista' jkun indikat li hija kienet impjegata mas-Segretarjat qabel Settembru 2011, ix-xhud wiegbet li m'ghandiex.

**Fr. Dominic Scerri** xehed illi fl-2010 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Delegat ta' Mons. Arcisqof ghall-Edukazzjoni Kattolika u ghall-iskejjel tal-Knisja. Ix-xhud spjega li minkejja li l-kuntratt tax-xoghol fir-rigward tal-Apellanti kien gie iffirmat fl-2010, is-servizz bhala INCO bdiet ittih fl-2011, u dan minhabba li kien hemm kwistjoni mall-Gvern dwar xi sussidji li kienet ghadha ma' gietx rizolta. Ix-xhud spjega li l-Appellanti ghamlet xoghol klerikali fuq bazi 'ad hoc' qabel ma' hija qabdet tahdem bhala INCO fl-2011 u ta' dan kienet tithallas mis-Segretarjat. Ix-xhud stqarr li wara Mejju 2010, l-Appellanti ma' regghetx giet intrigata 'in konnessjoni' ma' dan il-process ta' reklutagg.

Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi spjega li l-ewwel darba li l-INCO's bdew jiffunzjonaw kien f'Settembru 2010 u cjoe fil-bidu tas-sena skolastika 2010-2011 u wara li gew ingaggati l-INCO's dan ix-xoghol klerikali relatat mar-reklutagg ta' tfal b'dizabilita' sar jifforma parti mid-doveri ta' INCO.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

Dr. Raphael Fenech Adami ghan-nom ta' l-Appellanti argumenta li l-*probationary period* beda jghodd mit-27 ta' Settembru 2010 u dan peress, li *fl-appointment letter* li ggib l-istess data hemm miktub li l-Appellanti kellha tibda tahdem '*full time*' mit-22 ta' Settembru 2011 u allura fid-dawl ta' dak mistqarr mix-xhieda u cjoe li hija ghamlet xoghol li gie deskritt bhala parti mix-xoghol ta' INCO, qabel dik id-data, d-data effettiva tal-ingagg ghandha tkun dik tas-27 ta' Settembru 2010.
Huwa argumenta wkoll illi l-fatt li fl-*appointment letter*, ir-referenza ghall-perjodu tal-*probation* huwa miktub taht il-firem taz-zewg partijiet allura din il-parti mhijiex valida.
Dwar il-fatt illi l-Appellanti qatt ma' gibdet l-attenzjoni ta' hadd dwar id-data tal-ingagg meta l-*engagement form* tal-ETC tindika t-22 ta' Settembru 2011, Dr. Fenech Adami qal li dan m'ghamlitux, ghaliex dak iz-zmien ma kelliex problemi u ghaliex dan id-dokument jirreferi dwar xoghol *full-time* mentri d-data li fiha qed ikun sostnut li beda l-ingagg tkopri xoghol mhux *full-time*.

Dr. Dominic A. Cassar f'isem is-Socjeta' ntimata beda l-argumenti tieghu billi qal li fl-2010 ix-xoghol konness mar-reklutagg ta' studenti kien sar sa Mejju 2010 u allura f'dik is-sena partikolari, l-Appellanti flimkien ma' persuni ohra ma gewx imsejjha jaghmlu xoghol wara dak ix-xahar. Huwa kompla jghid li originarjament l-Appellanti permezz tal-Avv. Andrew Borg Cardona bdiet isostni li l-perjodu ta' *probation* ta' sitt xhur kien ghadda u ghaldaqstant ma' setax jigi meqjus li t-temm tal-impieg sar waqt il-*probation*, fejn allura dak in-nhar ma' kienetx qed tigi kontestata d-data tal-ingagg izda id-durata tal-*probation*.
Dr. Cassar kompla, li fin-nuqqas minn naha tal-Appellanti li baqghet ma ipproducietx *Income Tax returns* li hija kienet qalet li kienu ser jindikaw li hija hadmet bejn Settembru 2010 sa 2011, allura wiehed ghandu joqghod fuq dak prodott mill-ETC. Dwar l-argument illi fl-*appointment letter* ir-referenza ghall-*probation* hija taht il-firem, Dr. Cassar sostna li dan l-argument ma jregix ghaliex ma' kien hemm l-ebda sottomissjoni minn naha tal-Appellanti li dak il-paragrafu gie mizjud wara li hija kienet iffirmat.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali :

- Jinnota illi l-argumentazzjoni taz-zewg nahat kienet principarjament ibbazata fuq meta propju kien il-bidu tal-impieg u cjoe jekk hux fit-22 ta' Settembru 2011 jew fis-27 ta' Settembru 2010.

- Josserva illi fil-korrispondenza datata 27 ta' Ottubru 2010 li l-Appellanti kienet baghtet lill Dr. Rosanne Cauchi, Direttur ghas-Servizzi Edukattivi tal-Kurja, hija kienet staqsiet dwar il-possibilita' ta' impieg mas-Segretarjat, fejn kienet qalet li kienet disposta ghall-impieg sa minn Jannar 2011.

- Jinnota illi l-intrigi li l-Appellanti, flimkien ma' persuni ohra, kienet tinghata sa' minn qabel Settembru 2011, kienu esklussivament konnessi mar-reklutagg ta' studenti prospettivi fl-iskejjel tal-knisja u kienu fl-intier taghhom ta' natura klerikali. Fejn l-ahhar zmien li l-Appellanti kienet intrigata fih kien jestendi sa mhux aktar tard minn Mejju 2010.

- Josserva illi meta l-Appellanti wettqet tali ntrigi matul l-2010 hija kienet impjegata ma' St. Monica School & Convent fejn damet f'dan l-impieg sal-21 ta' Settembru 2011.

- Josserva li grad ta' INCO beda jiffunzjona f'Settembru 2010 u cjoe fil-bidu tas-sena skolastika 2010-2011. Fejn id-doveri magguri jikkonsistu f'li jinstabu professjonisti u jsir ko-ordinament sabiex is-servizzi offruti minn dawn il-professjonisti jinghataw lil studenti bi bzonnijiet specjali u dan bhala assistenza waqt li jkunu jattendu fl-iskola.

- Josserva illi matul is-smiegh ta' dan il-process, l-Appellanti qatt ma' stqarret li matul l-impieg taghha xi darba attirat l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tas-Socjeta' ntimata li ma kienetx qieghda taqbel mad-data tal-ingagg. Dan minkejja illi hija kienet giet infurmata ufficcjalment mill-ETC li d-data tal-ingagg kienet tindika t-22 ta' Settembru 2011.

- Jinnota illi fl-*employment history* tal-Appellanti kif prodotta ufficcjalment mill-ETC waqt is-smiegh ta' dan il-process, ma jidher l-ebda ingagg iehor ta' l-Appellanti mas-Socjeta' ntimata ghajr dak *full-time* fil-grad ta' *Inclusive Education Co-ordinator* u li kien igib id-data tat-22 ta' Settembru 2011.

- **Decizjoni**

It-Tribunal iqis li l-intrigi klerikali, mifruxa fuq ftit granet fis-sena, li l-Appellanti kienet tinghata flimkien ma' persuni ohra u li ghalihom kien ikun hemm renumerazzjoni zghira, kienu forniment ta' servizz bazi 'ad hoc' u mhux impieg veru u propju.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-impieg tal-Appellanti mas-Socjeta' ntimata fil-grad ta' INCO beda fit-22 ta' Settembru 2011. Fejn ghaldaqstant it-Tribunal jilqa l-eccezzjoni preliminari tas-Socjeta' ntimata billi jsib li l-licenzjament ta' l-Appellanti, li kien sar nhar il-15 ta' Gunju 2012, sehh matul is-sena *probation*, li l-impieg kien igorr mieghu.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

Iffirmat

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

Marica Psaila
Ghas-Segretarju